# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 1 ta' Diċembru, 2021.**

**Numru 19**

**Rikors numru 994/16/1 JRM**

**Outwest Limited (C 24627)**

**v.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

1. Din is-sentenza titratta appell tal-kumpanija rikorrenti minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Marzu 2018 dwar talba, sabiex tiġi dikjarata nfondata fil-fatt u fid-dritt it-talba tal-Kummissarju intimat magħmula permezz tal-ittra uffiċjali li ppreżenta fil-15 ta' Diċembru 2015 għall-ħlas ta' taxxa fuq il-valur miżjud u sabiex il-Qorti tħassar it-titolu eżekuttiv li l-intimat jippretendi li għandu kontra r-rikorrenti.

2. Il-proċess li wassal sabiex ir-rikorrenti tappella mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti hu s-segwenti:

2.1. Permezz ta' ittra uffiċjali numru 415/15 preżentata fil-15 ta' Diċembru 2015, il-Kummissarju tat-Taxxi sejjaħ lir-rikorrenti sabiex *ai termini* tal-Artikolu 59 tal-Att XXIII tal-1998 tħallsu l-ammont ta' €188,643.74 rappreżentanti ammont dovut minnha bħala taxxa fuq il-valur miżjud skont l-istess Att, bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv. L-istess ittra uffiċjali tgħid illi:

> *"Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxi kontra tagħkom permezz tal-Avviż li ntbagħat lilkom.*
>
> *Fin-nuqqas, il-mittenti javżakom li ser jgħaddi biex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu fil-konfront tagħkom permezz tal-mandati opportuni".*

2.2. Fl-1 ta' Novembru 2016 l-istess kumpanija ppreżentat rikors fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' liema ppremettiet li t-talba magħmula bl-ittra uffiċjali fuq imsemmija hi mingħajr bażi għaliex: (i) l-ammont mitlub hu mertu ta' ittra uffiċjali oħra kkontestata permezz tal-proċeduri 829/2016 MH; (ii) il-proċedura stipulata fil-Kap. 406 ma ġietx segwita b'dan illi l-Kummissarju ma għandu l-ebda titolu eżekuttiv fil-konfront tagħha; (iii) hija ntempestiva peress li l-applikazzjoni tagħha għal tnaqqis ta' imgħaxijiet u penali skont l-Avviż Legali 456 tal-2011

għadha pendenti; (iv) il-penali amministrattivi kompriżi fl-ammont reklamat mill-Kummissarju intimat mhumiex kontemplati fil-liġi u konsegwentement il-Kummissarju ma' jista' qatt jippretendi titolu eżekuttiv fuqhom; u (v) is-somma mitluba mhijiex dovuta. Talbet għalhekk lil dik il-Qorti:

> *"tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif dedotta fl-ittra uffiċjali tal-15 ta' Diċembru 2015 hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u sabiex, konsegwentement, tirrevoka t-titolu eżekuttiv vantat mill-istess Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tal-kumpannija esponenti, u dan bl-ispejjeż kontra tiegħu".*

2.3. Permezz ta' <u>tweġiba</u> ppreżentata fl-1 ta' Diċembru 2016, il-Kummissarju eċċepixxa li r-rikors promotur ma jiswiex billi mhuwiex bażat fuq dispożizzjoni tal-liġi; li r-rikors ma sarx skont il-forma mitluba mil-liġi u għaldaqstant huwa null; illi l-Qorti m'għandhiex is-setgħa tissindika jew tistħarreġ l-ammont dovut billi tali ammont hu dovut bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv li l-Kummissarju għandu favur tiegħu, u liema titolu mhux kostitwit minn dak li tgħid l-ittra uffiċjali attakkata, imma mill-avviż mibgħut lill-kumpanija rikorrenti żmien qabel; illi bla ħsara għal dan, il-Qorti m'għandhiex il-kompetenza sabiex tqis jekk l-ammont mitlub hux dovut, billi l-poter biex tistħarreġ dan ġie mogħti lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Fil-mertu wieġeb li huwa mexa skont il-liġi u li l-kumpanija rikorrenti naqset li tagħmel użu mir-rimedji mogħtija lilha mil-liġi biex tikkontesta l-ammont mitlub. Dan wassal biex hu issa jgawdi titolu eżekuttiv kontra l-kumpanija rikorrenti, u ma tista' ssir ebda kontestazzjoni tal-kreditu dovut f'dan l-istadju. Inoltre, isostni li t-talba

mhijiex intempestiva, kif ukoll jisħaq li t-talba għall-penali amministrattivi hija tajba billi l-istess penali huma dovuti skont il-liġi;

2.4. Wara li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat żmien lill-kumpanijja rikorrenti sabiex tiddikjara liema hi d-dispożizzjoni tal-liġi li a bażi tagħha ppreżentat ir-rikors,[1] għamlet referenza għall-Artikolu 59 tal-Kap. 406.[2] B'digriet mogħti fis-27 ta' April 2017 ir-rikors tħalla għas-sentenza dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimat;[3]

2.5. B'sentenza tas-27 ta' Marzu 2018 ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni iżda laqgħet it-tieni eċċezzjoni u sabet li l-azzjoni tal-kumpanija rikorrenti saret b'att ġudizzjarju li ma jiswiex u konsegwentement ħelset lill-intimat milli jibqa' fil-ġudizzju, bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrenti;

2.6. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju kienu dawn:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni preliminari, il-Kummissarju jqis li tali nuqqas seħħ għaliex Outwest mexxiet din il-kawża b'sempliċi rikors minflok b'Rikors Maħluf. L-eċċezzjoni għalhekk tinbena fuq id-disposizzjoni tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) b'rabta mal-artikolu 161 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid jingħad li l-Kummissarju jipprova jħaddem difiżi b'żewġ għanijiet: l-ewwel waħda trid li la darba Outwest ma ikkontestatx l-istejjem, ma huwiex mogħti lilha li issa tikkontestahom f'dan l-istadju meta l-Kummissarju jgawdi minn titolu eżekuttiv; it-tieni waħda hi li l-proċedura magħżula minn Outwest mhijiex dik li trid il-liġi. Il-Qorti sejra tqis biss it-tieni linja billi, fil-fehma tagħha, l-ewwel waħda hija attakk fuq il-fondatezza tal-pretensjonijiet ta' Outwest fil-mertu u*

[1] Fol. 19.
[2] Fol. 20.
[3] Fol. 30.

*tmur lil hinn minn dak li jmissha tistħarreġ din il-Qorti fl-eċċezzjoni preliminari taħt eżami;*

*Illi, min-naħa l-oħra, Outwest tisħaq li mxiet ritwalment tajjeb u sejset din il-fehma fuq il-fatt li, f'każijiet oħra, intużat l-istess proċedura u ma tqajmitx l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att promotur. Tgħid wkoll li l-azzjoni tressqet għall-finijiet ta' l-artikolu 59 tal-Kapitolu 406, u ladarba l-proċedura taħt is-subartikolu (2) tiegħu hija ntiza biex titolu eżekuttiv jiġi reż eżegwibbli, il-kontestazzjoni ta' dak it-titolu trid tiġi diretta quddiem din il-Qorti Ċivili, kif adita mill-istess Kummissarju permezz ta' l-ittra uffiċjali mertu ta' din il-kawża;*

*Illi l-liġi tgħid li, bla ħsara għal meta att jista' jissewwa taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 175 tal-Kap 12, ikun hemm nullita` jekk kawża li jmissha tinġieb b'rikors maħluf, tinġieb minflok permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor. Il-liġi tgħid ukoll li, quddiem din il-Qorti, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors maħluf u jistgħu jitmexxew b'rikors f'każijiet preskritti bi jew skond xi liġi;*

*Illi, min-naħa l-oħra, il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għal kollox sieket dwar kif l-att ġudizzjarju (f'dan il-każ ittra uffiċjali bħal dik mibgħuta lil Outwest mertu tal-kawża) jista' jiġi oppost. Minn qari tal-liġi, isegwi għalhekk li l-att irid ikun ir-Rikors Maħluf u l-użu ta' rikors la huwa preskritt u lanqas joħroġ minn xi liġi;*

*Illi ma hemm l-ebda ħjiel ta' dubju li l-azzjoni ta' Outwest la hija mressqa taħt l-artikolu 466 tal-Kap 12 u lanqas taħt l-artikolu 281 tal-istess Kodiċi (li huma żewġ suriet ta' proċedura fejn il-liġi nnifisha tgħid li jistgħu jitressqu b'rikors 'sempliċi' u mhux b'rikors maħluf). Dan jingħad għaliex filwaqt li l-artikolu 466 tal-Kodiċi huwa maħsub milli jżomm pretensjoni ta' dipartiment tal-Gvern milli ssir titolu eżekuttiv, il-proċedura maħsuba taħt l-artikolu 281 hija mfassla biex tattakka atti eżekutivi u mhux titoli eżekutivi li jkunu diġa` miksuba. Tajjeb li wieħed jiċċara wkoll li l-artikolu 281 jitkellem dwar proċedura biex tattakka atti eżekutivi. L-atti eżekutivi magħrufa mil-liġi huma dawk li jissemmew b'mod tassativ fl-artikolu 273 tal-Kodiċi tal-Proċedura. Ittra uffiċjali bħal dik mibgħuta mill-Kummissarju lil Outwest mhijiex att eżekuttiv u lanqas titolu eżekuttiv, imma hija l-proċedura maħsuba mil-liġi biex tirrendi eżegwibbli kull titolu eżekuttiv ieħor li mhuwiex sentenza;*

*Illi min-naħa l-oħra, ladarba l-azzjoni ta' Outwest hija dik li tattakka l-"pretensjoni dedotta fl-ittra uffiċjali" (jiġifieri l-ammont mitlub fl-Avviż ta' Ħlas li kien inħareġ qabel), allura l-proċedura xierqa, kif sewwa jissottometti l-Kummissarju fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, kellha tkun dik b'Rikors Maħluf kif jipprovdi l-artikolu 161(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura;*

*Illi mid-daqqa t'għajn, joħroġ ċar li l-att ġudizzjarju mressaq minn Outwest bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala Rikors Maħluf kif l-artikolu 156 tal-Kap 12 jitlob li jkun, u minħabba tali nuqqas, jgħodd dak li jgħid*

*l-artikolu 164(1) tal-Kapitolu 12 marbut ma' dak li jrid l-artikolu 789(1) tal-istess Kodiċi. L-anqas jista jingħad li tista' ssir xi ħaġa biex issalva l-att kif maħsub fil-proviso tal-imsemmi artikolu 789(1) jekk mhux billi l-att jerġa' jitressaq għal kollox mill-ġdid;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju intimat sejra tintlaqa''.*

3. Il-kumpanija rikorrenti appellat mis-sentenza tal-ewwel Qorti. Sostanzjalment tilmenta illi dawn il-proċeduri mhumiex *'proċediment ordinarju'* skont l-Artikolu 161(1) tal-Kap. 12. Talbet għalhekk lil din il-Qorti:

*"tirriforma s-sentenza appellata ... billi tikkonfermaha in kwantu ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' l-appellat Kummissarju tat-Taxxi, tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-appellat Kummissarju tat-Taxxi, u tirrimanda l-atti lura lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni, bl-ispejjeż kemm ta' l-ewwel istanza u kemm ta' l-appell ikunu a karigu ta' l-istess appellat".*

4. Fit-8 ta' Mejju 2018 l-intimat ippreżenta tweġiba li biha ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

<u>Konsiderazzjonijiet.</u>

5. Fis-sentenza appellata saret riferenza għas-sentenzi li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-30 ta' April 2009: **Paul Vella v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** u **Joseph Camenzuli v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**. Ir-rikorrenti targumenta li f'dawk il-proċeduri kien qed jiġi kkontestat il-*quantum* tat-taxxa filwaqt li f'dan il-każ ir-rikorrenti qed tittenta twaqqaf lill-Kummissarju appellat milli jrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv u

konsegwentement talbet ir-revoka tal-istess. Dan sabiex tipprova tirribatti r-raġunament tal-ewwel Qorti li r-rikorrenti qiegħda tattakka l-pretensjoni li għamel l-intimat permezz tal-ittra uffiċjali, u għalhekk l-uniku mod kif tista' tiġi attakkata hi permezz ta' rikors maħluf (Art. 161(1) tal-Kap. 12).

6. Din il-Qorti ma taqbilx. Mir-rikors promotur hu ċar li r-rikorrenti qiegħda timpunja l-pretensjoni tal-intimat li saret permezz tal-ittra uffiċjali għall-finijiet tal-Art. 59 tal-Kap. 406. Ovvjament talbet ukoll it-tħassir tat-titolu eżekuttiv bħala konsegwenza għat-talba relatata mal-ittra uffiċjali.

7. Fil-każijiet ta' **Paul Vella v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** u **Joseph Camenzuli v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, il-Kummissarju kien sejjaħ lit-*taxpayers* rispettivi għall-ħlas ta' taxxa fuq id-dħul b'ittra uffiċjali *a tenur* tal-Artikolu 44(2A)(ċ) tal-Kap 372, liema att ġudizzjarju kellu l-funzjoni li jirrendi eżegwibbli titolu eżekuttiv tal-Kummissarju skont l-Artikolu 40 tal-Kap. 372. Peress li l-individwi kkonċernati kkontestaw dawk l-ittri uffiċjali permezz ta' rikors mhux maħluf, il-Kummissarju argumenta li l-liġi ma tagħtix ir-rimedju li kien qiegħed jintalab b'dik il-proċedura. Fiż-żewġ każijiet il-Qorti laqgħet l-eċċezzjoni.

8. Il-Kap. 406 sostanzjalment jipprovdi l-istess proċedura ta' ġbir ta' taxxa li hemm fl-artikoli fuq imsemmija tal-Kap. 372:

*"59.(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzaz-zjoni u Proċedura Ċivili.*

*(2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar ..."*

9. F'dan ir-rigward issir referenza għall-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet fis-sentenza **Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Carmel sive Charles Borg proprio et nomine** deċiża fis-27 ta' Jannar, 2021:

*"14. Illi l-liġi tgħid li, bla ħsara għal meta att jista' jissewwa taħt d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ikun hemm nullita` jekk kawża li jmissha tinġieb b'rikors maħluf, tinġieb minflok permezz ta' xi att ġudizzjarju ieħor. Il-liġi tgħid ukoll li, quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-proċediment ordinarju jitmexxa b'rikors maħluf u jista' jitmexxa b'rikors sempliċi f'każijiet preskritti bi jew skond xi liġi;*

*15. Illi, min-naħa l-oħra, il-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għal kollox sieket dwar kif tista' ssir oppożizzjoni għall-att ġudizzjarju (f'dan il-każ, ittra uffiċjali bħal dik mibgħuta lill-appellant mertu tal-kawża) li jintbagħat lil persuna taxxabbli. Minn qari tal-liġi, isegwi għalhekk li att li bih tali persuna tkun trid tilqa' għat-talba tal-ħlas irid ikun ir-Rikors Maħluf u l-użu ta' rikors sempliċi la huwa preskritt u lanqas joħroġ minn dik il-liġi speċjali;*

*...*

*17. Illi l-att ġudizzjarju li bih ġie notifikat l-appellant inħareġ skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 59 tal-Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta u dan jissemma b'mod espress f'dak l-att ġudizzjarju. Meta l-Kummissarju ħareġ dik l-ittra, huwa kien igawdi diġa` titolu eżekuttiv*

*minn żmien qabel bagħat dak l-att u dan bis-saħħa tal-Avviż tal-Ħlas li kien intbagħat lill-appellant. Fl-ittra uffiċjali l-Kummissarju jagħti jumejn żmien lill-appellant sabiex iħallas l-ammont mitlub, liema żmien joħroġ mis-subinċiż (2) tal-Artikolu 59, u fin-nuqqas kien ser jipproċedi biex jeżegwixxi t-titolu li diġa` għandu;*

*...*

*18. ... l-ittra uffiċjali mibgħuta mill-Kummissarju taħt l-Artikolu 59(2) tal-Kapitolu 406 hija waħda mitluba mil-liġi biex titolu eżekuttiv li m'huwiex sentenza jista' jsir eżegwibbli. F'dan il-każ, il-proċedura xierqa, kif sewwa jissottometti l-Kummissarju fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, kellha tkun dik b'Rikors maħluf kif jipprovdi l-Artikolu 161(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura, għaliex dan huwa l-mod li wieħed jista' jattakka s-siwi ta' titolu eżekuttiv;*

*19. Illi fiċ-ċirkostanzi, jgħodd dak li jgħid l-Artikolu 164(1) tal-Kapitolu 12 marbut ma' dak li jrid l-Artikolu 789(1) tal-istess Kodiċi. L-anqas jista' jingħad li tista' ssir xi ħaġa biex issalva l-att kif maħsub fil-proviso tal-imsemmi Artikolu 789(1) jekk mhux billi l-att jerġa' jitressaq għal kollox mill-ġdid. Għandu jingħad li, sa dakinhar li tressaq ir-rikors promotur, din il-kwestjoni kienet mistħarrġa mill-Qrati fuq medda ta' żmien u ngħataw deċiżjonijiet fil-biċċa l-kbira konsistenti ma' xulxin (kif ukoll rilevati mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata);"*

10. Madanakollu r-rikorrenti tinsisti li l-proċeduri tallum ma jistgħu qatt jikkostitwixxu '*proċediment ordinarju' a tenur* tal-Artikolu 161(1) tal-Kap. 12 għaliex: (i) inbdew b'ittra uffiċjali tal-intimat; kif ukoll għaliex (ii) *taxpayer* ma jista' qatt jattakka t-titolu eżekuttiv fil-mertu peress li tali kompetenza tispetta lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Ma' dan kompliet issostni li "*l-Ewwel Qorti m'hijiex korretta meta tippretendi li l-kumpannija esponenti tpoġġi l-ġurament ta' rappreżentanti tagħha fuq rikors li huwa ta' natura tant legalment teknika li mhux neċessarjament ikunu f'pożizzjoni li jixhdu dwar il-kontenut tiegħu jekk ikun hemm bżonn".*

11. Dan l-argument hu fieragħ u kontradittorju. Il-liġi speċjali (Kap. 406) ma tipprovdix kif għandha tiġi kontestata ittra uffiċjali mibgħuta mill-intimat skont dik il-liġi. B'daqshekk ma jfissirx li r-rikorrenti ma kellhiex rimedju, għaliex f'dak il-każ tapplika l-liġi ta' proċedura ġenerali ċioe` l-Art. 161(1) tal-Kap. 12. Kif intqal fis-sentenza **Il-Kummissarju tat-Taxxi v. Carmel sive Charles Borg proprio et nomine**, l-appellanti setgħet tagħmel dan permezz ta' rikors maħluf kif irid l-Artikolu 161(1) tal-Kap. 12. Ir-rikorrenti ma tat l-ebda raġuni li tista' tikkonvinċi lil din il-Qorti biex tibdel il-fehma tagħha kif espressa fl-imsemmija sentenza.

12. It-teżi tar-rikorrenti stess hi fis-sens li ma ġietx notifikata bl-istima, bl-avviż ta' talba għall-ħlas u l-avviż ta' nuqqas ta' tħaris kif irid l-Artikolu 59 tal-Kap. 406 u li l-ammont pretiż mhuwiex dovut. Fatti li d-diretturi jafu dwarhom u li żgur li ma kienx hemm diffikulta` sabiex jikkonfermawhom bil-ġurament.

13. Ir-rikorrenti tirreferi wkoll għall-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 dwar l-eżekuzzjoni ta' kambjali u *promissory notes* u għal sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li huma **Frank X. Fenech v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** (829/2016), **Carmelo Bonello v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** (491/2010, 492/2010 JZM u 493/2010 JZM), **Bay Investments Limited v. Il-Kummissarju tat-Taxxi** u **Francis**

**Grima pro et noe v. Il-Kummissarju tat-Taxxi** tal-20 ta' Lulju 2017 u tad-9 ta' Frar 2018 rispettivament.

14. Il-Qorti tqis iżda li l-Artikolu 253(e) tal-Kap. 12 ma japplikax għall-każ in eżami. Min-naħa l-oħra l-kawżi 491/2010JZM, 492/2010 JZM u 493/2010JZM fl-ismijiet **Carmelo Bonello v. l-Kummissarju ta-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud** ilkoll nbdew permezz ta' rikors maħluf. Għal dak li jirrigwarda s-sentenza **Frank X. Fenech v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** li din il-Qorti tat fid-29 ta' Novembru 2013, l-eċċezzjoni dwar in-nullita` tar-rikors ma ngħatatx.

Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm